MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 448/1987/2

**Maria Lourdes Brincat**

**v.**

**Giuseppe bin Giuseppe u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2003
l-atti gew trasfuzi f'isem Salvatore sive Salvu u Anthony sive Twanny,
ahwa Brincat, dan ta' l-ahhar kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala kuratur f'isem ohtu l-interdetta Josephine Mary Brincat;
u b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 2005 u b'nota tas-7 ta' April 2005 ta' Anthony Brincat l-atti gew trasfuzi f'isem l-istess Anthony Brincat; Michele u Carmela ahwa**

**Brincat bhala werrieta ta' ommhom Michelina Brincat, u Giuseppe Brincat u b'digriet tal-25 ta' Gunju 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria u Achille ahwa Brincat u Salvatore u Anthony ahwa Brincat, dan ta' l-ahhar kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala kuratur f'isem ohtu l-interdetta Josephine Mary Brincat u b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 2005 u b'digriet tat-13 ta' Gunju 2005 Dr Mark Busuttil u l-PL Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw il-wirt ta' Giuseppe Brincat zewg il-mejta Michelina Brincat u bin il-mejtin Alberto Brincat u**
**Maria Brincat nee` Borg u b'digriet tal-10 ta' Jannar 2012**
**Mariella mart Stephen Muscat assumiet l-atti tal-kawza minflok missierha Michele Brincat li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentat l-attrici fil-11 ta' Gunju 1987 u li taqra hekk:
"Billi l-attrici kienet irrendiet servigi lill-genituri taghha Michelina u Giuseppe Brincat, liema servigi kienu ta' natura estensiva u gravanza billi l-istess attrici kienet baqghet xebba u kienet ghamlet snin twal iddur bl-imsemmija genituri taghha;

"U billi fost l-imsemmija servigi l-attrici ghal bosta snin, mis-sena 1964 sas-sena 1976 kienet ghaddiet il-paga kollha li kienet taqla' lill-imsemmija genituri taghha u dan apparti x-xoghol li kienet taghmel id-dar;

"U billi l-imsemmija genituri taghha kienu dejjem iweghduha li jikkumpensawha ta' dawn is-servigi, u sahansitra missierha, il-konvenut Giuseppe Brincat baqa' jweghda li jikkompensaha tal-istess sal-lum;

"U billi ommha naqset li tikkumpensaha kif kienet weghditha u qatatha barra mill-wirt taghha b'mod li l-attrici giet indotta tirriserva l-pozizzjoni taghha dwar taccettax it-testment ta' ommha jew le;

“U billi ghalhekk il-konvenuti huma obbligati jikkumpensaw lill-attrici tas-servigi minnha rezi kif fuq inghad;

“Jghidu l-istess il-konvenuti ghaliex ma ghandhomx jigu minn din il-Qorti flimkien jew min minnhom:

“1. Dikkjarati responsabbli ghall-hlas tas-servigi rezi mill-attrici ’l fuq imsemmija genituri taghha;

“2. Likwidati l-istess servigi, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

“3. Ikkundannati jhallsu lill-attrici s-servigi hekk likwidati bl-imghax legali fuq l-istess mid-data tan-notifika tal-istazzjoni;

“4. Ikkundannati jhallsu l-ispejjez ta’ din il-kawza.

“Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat in nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-15 ta’ Jannar 1988 li permezz taghha l-konvenut Giuseppe Brincat eccepixxa:

“Illi s-servigi reklamati mill-attrici gew verament rezi lilu u lil martu u gew minnhom kemm-il darba rikonoxxuti.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-22 ta’ Jannar 1988 li permezz taghha il-konvenuti l-ohra eccepew:

“Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

“Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, kif jista’ jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u b’hekk l-azzjoni ta’ l-attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha.”

Rat id-digrieti li permezz taghhom gew trasfuzi il-varji atti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-9 ta' Ottubru 1992 li permezz taghha il-Qorti fil-waqt li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti rigward is-servigi rezi lill Giuseppe Brincat laqghet l-eccezzjoni msemmija fir-rigward ta' Michelina Brincat; rat pero` li permezz tas-sentenza tad-9 ta' Dicembru 1994 il-Qorti tal-Appell irrevokat din l-ahhar parti tas-sentenza u iddikjarat mhux preskritti anke s-servigi f'dak ir-rigward;

Rat is-sentenza finali tal-Prim' Awla tal-Qorti Civil moghtija fis-17 ta' Marzu 2010 li permezz taghha il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s somma ta' €271,248 likwidati bhala servigi rezi mill-attrici lill-genituri taghha;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
"***D1. Fatti tal-kaz:***

"Fil-kawza odjerna l-attrici qed titlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-hlas tas-servigi rezi minnha lill-genituri taghha Michelina u Giuseppe Brincat, li tali servigi jigu likwidati u li konsegwentement il-konvenuti jigu ikkundannati jhallsu lill-attrici s-servigi hekk likwidati. Din il-kawza saret kontra hut l-attrici, Giuseppe, Michele u Carmela ahwa Brincat bhala werrieta ta' ommhom Michelina Brincat u kontra missier l-attrici Giuseppe Brincat, ghalkemm kien hemm zewg ahwa ohra li gew inhollija barra mill-kawza, u cioe` Achille u Maria (ara Dokument "Z" fol 297). Jinghad ukoll li Maria Carmela u Michele irrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom Giuseppe permezz ta' noti minnhom prezentati, Dokumenti GB7 u GB8.

"Jinghad li fil-mori tal-kawza odjerna mietu kemm missier l-attrici, kif ukoll il-konvenut Giuseppe Brincat hu l-attrici, il-konvenut l-iehor li jgib ukoll l-istess isem bhal missieru u cioe` Guseppe Brincat. Flok il-missier li miet fid-19 ta' Frar 2001, l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala Kuraturi. Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Giuseppe Brincat, hu l-attrici u iben il-konvenut l-iehor Giuseppe Brincat u Michelina Brincat

nee Cassar, il-gudizzju gie trasfuz f'isem ibnu Anthony Brincat li accetta li jissokta l-kawza minflok missieru permezz ta' nota datata s-7 ta' April 2005.

"Il-konvenut Giuseppe Brincat, missier l-attrici, kien eccepixxa li s-servigi reklamati mill-attrici gew verament rezi lilu u lil-martu u gew minnhom kemm-il darba rikonoxxuti.

"Il-konvenuti l-ohrajn, Giuseppe bin Giuseppe, Michele u Carmela ahwa Brincat ilkoll issollevaw preliminarjament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (li giet deciza kif issemma fuq anke mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell), u fil-mertu l-eccezzjoni li t-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

"***<u>D2. Servigi rezi mill-attrici lill-genituri taghha:</u>***

"L-attrici tallega li ipprestat servigi estensivi u gravuzi lillgenituri taghha u tippretendi kumpens xieraq minghand l-eredi taghhom. L-oneru ta' din il-prova tinkombi fuq l-istess attrici. Dan hi ikkonfermatu kemm fid-dikjarazzjoni guramentata kif ukoll fix-xhieda moghtija minnha fis-seduta tal-11 ta' Jannar 1991. Hi kienet sostniet li ommha kienet tmur tghin lin-nisa li kienu ser iwelldu u hi kienet tiehu hsieb ix-xoghol kollu tad-dar, tisjir, hjata u facendi. Sostniet li anke kienet tiehu hsieb il-genituri taghha meta kienu l-isptar. Giuseppe Brincat il-missier, diversi drabi irrikonoxxa dan il-fatt kemm fid-depozizzjoni kif ukoll fit-testment tieghu. Achille Brincat hu l-attrici kien sostna li l-attrici kienet tiehu hsieb il-genituri taghha kif ukoll lill-ahwa, u dana qalu fis-seduta tat-12 ta' Mejju 1989. Bl-istess mod Maria Brincat, oht l-attrici, ikkonfermat li l-attrici kienet tghin fid-dar anke qabel spiccat l-iskola fit-tisjir, facendi, hjata u kull ma hemm bzonn, u dan jirrizulta mid-depozizzjoni taghha ta' l-24 ta' Mejju 1989. Anke Salvu Brincat, konvenut, stqarr li zitu Lourdes kienet tghin lin-nanna, u dan fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 1997. L-attrici sostniet ukoll li hija kienet ghaddiet ghajnuna finanzjarja lill-genituri taghha u dan billi tghaddi l-paga taghha lil ommha Michelina Brincat, u dan skond ma semmiet l-attrici kien iwassal ghall-ammont ta' Lm9,000. L-attrici

kienet sostniet li kienet taghmel hafna xoghol fid-dar anke meta ommha kienet ghadha b'sahhita u dana minhabba li ommha spiss kienet tkun barra mid-dar kemm ghax kif issemma fuq kienet tmur tassisti n-nisa li ser iwelldu, kif ukoll ghax tahdem fl-ghalqa. Irrizulta wkoll li l-attrici kienet daret b'ommha meta din kienet f'zewg okkazjonijiet rikoverata l-isptar ghal ftit jiem.

"Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu li fl-ahhar 10 snin qabel il-mewt ta' Michelina Brincat (bejn l-1976 u l-1986) Maria Lourdes rincat ma ipprestat ebda forma ta' servigi lil ommha. Kien hemm dizgwid bejn il-konjugi Brincat li spiccaw anqas jghixu fl-istess sular, ghalkemm taht saqaf wiehed, b'dan li Michelina Brincat u bintha Carmela Brincat kienu jghixu fis-sular ta' fuq filwaqt li l-attrici, Maria u Achille u l-missier Giuseppe Brincat kienu jghixu fis-sular ta' isfel. Dan iwassal li in kwantu ghal Michelina Brincat, is-servigi li setghet tippresta l-attrici hu ghall-perjodu ta' qabel l-1976 (1964 sa 1976). Gie sollevat ukoll mill-konvenuti li Michael u Giuseppe Brincat izzewgu u telqu mid-dar tal-genituri taghhom. Baqghu jghixu mal-konjugi Brincat, Maria u Maria Lourdes entrambi xebbiet u Achille li baqa' guvni. Carmela Brincat kienet dahlet soru pero` ghall-habta ta' l-1976 hija harget minn soru, u marret lura tghix fid-dar rezidenzjali tal-genituri taghha.

"A bazi tal-fatt li l-konvenuti jsostnu li s-servigi li saru mill-attrici sal-1976 kienu ta' entita` zghira, il-konvenuti jikkwotaw mis-sentenza **Fenech vs Galea**, deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Ottubru 1989 fejn jinghad li kumpens ghal servigi ma ghandux jinghata ghal kull haga ta' xejn jew kull meta jkun hemm ghajnuna li ma tohrogx 'il barra minn dak li hu ragjonevolment mistenni mill-ulied lejn genituri anzjani.

"Fuq l-istess linja irreferew ghas-sentenza fl-ismijiet **Maria Barbara et vs Maria Dolores sive Doris Vella et**, Citazz. Numru 860/95TM, u deciza fil-20 ta' Gunju 2002.

"***<u>D3. Zmien li fih gew ipprestati s-servigi:</u>***

"L-attrici bdiet tghin lill-genituri taghha sa minn qabel ma spiccat mill-iskola. Hija baqghet taghmel hekk, ghal dak li jirrigwarda ommha Michelina, sa ghaxar snin qabel ma giet nieqsa u dan billi kien hemm dizgwid fil-familja u ghalkemm baqghu joqghodu taht l-istess saqaf l-omm u bintha Carmela Brincat kienu jghixu fis-sular ta' fuq filwaqt li l-attrici, Maria u Achille u l-missier Giuseppe Brincat kienu jghixu fis-sular ta' isfel. Bejn wiehed u iehor jirrizulta li l-attrici bdiet tirrendi servigi lill-genituri taghha meta ohtha Carmena (konvenuta fil-proceduri odjerni) dahlet soru u baqghet taghmel hekk sa meta l-istess Carmela harget minn soru.

"Ghal dak li jirrigwarda l-missier, jirrizulta li l-attrici baqghet tirrendilu servigi sal-mewt tieghu fid-19 ta' Frar 2001. Dan iwassal li l-attrici irrendiet servigi ta' natura hafifa lil ommha bejn l-1964 u l-1976, waqt li lil missierha hadet hsiebu mill-1964 u b'mod specjali mill-1976.

"***<u>D4. In-natura ta' servigi prestati:</u>***

"L-attrici sostniet li mill-provi mressqa fil-kawza odjerna ma irrizultaw l-ebda cirkostanzi li jindikaw li hi ma kellhiex hsieb li tigi kumpensata ghas-servigi prestati minnha. Kienet toqghod fuq il-weghda tal-genituri taghha li kienu bi hsiebhom jikkumpensawha ghal dak li kienet qed taghmel maghhom. Missier l-attrici, il-konvenut Giuseppe Brincat (illum mejjet), xehed kif huwa u martu dejjem riedu jikkumpensaw lill-attrici ghal dak li ghamlet maghhom u sahansitra ghamlu testament f'dan is-sens ghalkemm martu kienet biddlet it-testment taghha fejn imbaghad ma zammitx kelmitha dwar tali kumpens. Irrizulta anke mix-xhieda ta' Achille Brincat u Maria Brincat li l-genituri taghhom kellhom il-hsieb li jhalluha l-gjardina b'wirt.

"***<u>D5. Ma hemmx ghalfejn li s-servigi jkunu pattwiti precedentement:</u>***

"Fil-kawza fl-ismijiet **Victoria Scerri et vs Joseph Aquilina *noe et***, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Dr. J. R. Micallef) fl-4 ta' Marzu 2010 inghad:

"Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[1]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[2] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[3];

"Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblita' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[4]; ..."

"***D6. Ma hemmx prezunzjoni tal-gratuwita`:***

"Fil-kawza deciza fit-3 ta' Ottubru 1935 minn din il-Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet **Mifsud vs Briffa** inghad:

"….. anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza tal-kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentment il-gratuwita', sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela".

---

[1] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Cassar vs Lawrence Seychell** (Mhix pubblikata)

[2] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet **Mifsud vs Briffa noe** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet **George Sciberras et vs Josephine Spiteri et**

[3] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet **Deidun vs Poggi et** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe** (mhix pubblikata)

[4] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil**

“Ara wkoll:

“**Farrugia vs Caruana** deciza fit-12 ta' Dicembru 1935; **Ellul vs Ellul** deciza fit-12 ta' Frar 1980;

“**Azzopardi vs Azzopardi** deciza fl-24 ta' Mejju 1989; **Attard vs Attard** deciza fit-13 ta' Ottubru 1989 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili;

“**Borg vs Gaffiero** deciza fit-28 ta' Marzu 2003;

“**Anthony Catania *pro et noe* vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003.

“Min jallega li s-servigi saru b’xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa’ l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta’ hlas. Fis-sentenza deciza fil-25 ta’ April 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef R. Pace) fl-ismijiet **Caruana vs Mallia** (Kollez. Vol: LXXXVI.iii.174) gie konfermat li kull servigi, ukoll moghtijin lill-qraba ta’ dak li jkun, jitqiesu li jkunu nghataw bit-tama ta’ kumpens jew hlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi nghata bla hsieb ta’ kumpens jew hlas (ara wkoll sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Tonio Malllia) tal-11 ta’ Dicembru 2003 fl-ismijiet **Anthony Catania *pro et noe* vs Maria Agius**).

“***<u>D7. Perjodu applikabbli ghal servigi:</u>***

“Il-pozizzjoni hija li jekk servigi huma rikonoxxuti, dawn ghandhom jigu provvduti ghaz-zmien kollu li fih gew imwettqa servigi u mhux biss ghall-ahhar hames snin. Hija biss jekk ikun hemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-kuncett ta’ l-ahhar hames snin japplika. Dan jirrizulta bl-aktar mod car mis-siltiet li ser jigu ikkwotati mis-sentenza fl-ismijiet **Vella Carmelina et vs Borg Anthony nomine**, deciza mill-Appell Civili Superjuri fis-16/09/1994 (Vol LXXVIII-II-I-260):

“L-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta’ kumpens ta’ servigi allegatament rezi milll-attrici Carmelina Vella matul numru ta’ snin lill-mejjet Anthony Borg imsemmi fl-atti ta’

citazzjoni, liema kumpens irid jigi llikwidat minn din il-Qorti. M’hemmx dubju illi ghal kreditu ta’ din ix-xorta hija applikabbli l-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin ikkontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16, u f’dan ir-rigward huwa sufficjenti illi ssir riferenza ghas-sentenza ccitata mill-konvenut nomine fil-paragrafu 1(d) tan-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu (App. Civ. 23-1-59, “**George Portelli vs Nicola Galea**”, Vol. XLIII, P.I, p.66);...

“Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga` ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghal rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. Ghandu jinghad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, ghall-preskrizzjoni, javveraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta’ dejn likwidu. Dana jigri meta jkun sar rikonoxximent ta’ l-obbligu tal-hlas izda ma jkunx sar rikonoxximent ta’ l-obbligu tal-hlas ta’ somma ta’ flus determinata u specifika. Infatti, huwa accettat fil-gurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista’ jkun ukoll “illiquido” kif jisejjahlu l-GIORGI . (Ara Kollez. Vol XXXIV – II – 742);...

“Illi din il-Qorti hija sodisfatta ghalhekk li l-kreditu ta’ l-attrici mertu tal-kawza gie rrikonoxxut debitament minn min kien obbligat ghalih. Din il-Qorti hija sodisfatta li dan ir-rikonoxximent sehh matul il-perjodu ta’ anqas minn hames snin qabel giet intavolata l-odjerna kawza. B’hekk, avverrat ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni ga` kompjuta, u konsegwentement, tirrizulta r-rinunzja ghall-preskrizzjoni eccepita, li ghalhekk ghandha tigi respinta;”

“***<u>D8. Likwidazzjoni ta’ kumpens:</u>***

“Hemm diversi kriterji li l-Qrati taghna hadu in konsiderazzjoni meta gew biex jistabbilixxu likwidazzjoni ta’ kumpens dovut (ara f’dan ir-rigward sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, Imhallef G. Valenzia, deciza fil-31 ta’ Mejju 2002, fl-ismijiet **Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina *noe et***; u sentenza ta’ din il-Qorti

diversament presjeduta fl-ismjiet **Vassallo vs Aquilina**, deciza fid-29 ta' Gunju 1982):

"(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mghejjuna;
"(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;
"(iii) in-natura tas-servigi maghmula;
"(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;
"(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;
"(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;
"(vii) il-mezzi tal-persuna li ibbenefikat mill-prestazzjonijiet;

"Fil-kaz in ezami l-attrici sostniet li hija tat ghajnuna lill-genituri taghha b'mod kostanti u ghal tul ta' zmien konsiderevoli. Sostniet li kienet taghmel ix-xoghol tad-dar kollu u kwazi kienet tissostitwixxi lil ommha li spiss kienet tkun assenti mid-dar. L-attrici sostniet ukoll li l-persuni lil min gew ipprestati s-servigi kellhom mezzi konsiderevoli. L-attrici ziedet li hi kienet iddedikat hajjitha ghall-genituri taghha u l-familja kollha sabiex l-impenn taghha kien wiehed kontinwu u kienet taghti l-paga kollha li kienet taqla' lil ommha.

"***<u>D9. Talba ghal-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju f'dan l-istadju:</u>***

"Il-konvenuti talbu li peress li miet Giuseppe Brincat missier l-attrici, il-konvenuti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma hemmx iktar skop li l-azzjoni attrici tigi protetta billi l-mertu ta' l-istess jinsab ezawrit. Dan fil-fehma tal-konvenuti kien bazat fuq id-disposizzjonijiet testamentarji maghmula minn Giuseppe Brincat fit-Tielet, Raba' u Sitt Artikoli tat-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said datat 11 ta' April 1987. Fit-Tielet Artikolu tal-precitat testment Giuseppe Brincat halla b'titolu ta' prelegat lil bintu Maria Lourdes Brincat li ghadha xebba: (a) il-porzjoni raba' diviza mill-ghalqa il-Qrendi…; (b) u bicca maqsuma mill-ghalqa "Ta Sejjem"…; (c) u l-oggetti u s-sostanzi kollha mobili li fil-gurnata tal-mewt tieghu jkunu jezistu fid-dar…

“Fir-Raba’ Artikolu tat-testment ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi Giuseppe Brincat iddikjara li jaf li l-oggetti tal-prelegati, disposti favur uliedu Achille u Maria Lourdes ahwa Brincat rispettivament fil-precedenti Tieni u Tielet Artikolu ta' dan it-testment ma jappartjenux kollha lilu, pero` b’dana kollu huwa xorta wahda jrid u qieghed jordna li l-istess prelegati ghandhom jigu konsegwiti u mehuda kollha ossia *per intero* mill-istess prelegatari Achille u Maria Lourdes ahwa Brincat kif minnu dispost bil-prezenti testment.

“Fis-Sitt Artikolu tal-precitat testment Giuseppe Brincat iddikjara li halla lill-imsemmija bintu Maria Lourdes Brincat il-prelegati kontenuti fit-Tielet Artikolu tal-prezenti testment sabiex jikkompensaha u jhallasha tas-servigi u ta’ l-ghajnuna anke finanzjarja, li l-istess Maria Lourdes Brincat ilha tipprestalu minn zmien twil, ta’ dawk li hija pprestat lil ommha Michelina u ta’ dawk li ghad tista’ tipprestalu sal-gurnata tal-mewt tieghu.

“Il-konsulent legali tal-konvenuti fin-nota tieghu sostna li:

“Mill-precitati Artikoli tat-testment ta’ Giuseppe Brincat datat 11 t’April 1987 johrog ferm car li l-laxxitu ta' pre-legat a favur l-attrici ta' l-immobbli deskritti fit-Tielet Artikolu u ta' l-oggetti u s-sostanzi kollha mobili li fil-gurnata tal-mewt tieghu jkunu jezistu fid-dar tieghu ta' abitazzjoni mill-ghatba 'l gewwa “*a limine intus*” komprizi l-flus kontanti u l-oggetti tad-deheb huwa legat remuneratorju mholli lilha minn missierha bi hlas ghall-ghajnuna li hija setghet tat kemm lil ommha Michelina Brincat kif ukoll lill-istess Giuseppe Brincat sal-mewt tieghu…”

“*Una volta* li l-pretensjonijiet ta’ l-attrici llum jinsabu pjenament sodisfatti bis-sahha ta’ dan il-laxxitu ta’ pre-legat a favur taghha da parte ta’ missierha, necessarjament jirrizulta li l-mertu ta’ l-azzjoni minnha istitwita illum jinsab ezawrit.

"Kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti kellha tiddetermina mod iehor u ma tilliberax lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, l-attrici tkun qed tibbenefika minn hlas ta' indebitu."

"Illi dan huwa ragunar li l-Qorti bil-fors trid tirrimarka li kien jaghmel sens hafna li kieku kien sar l-immissjoni fil-pussess tal-legat, izda l-isfortuna hi li tali immissjoni fil-pussess ma sarx ghax kieku l-kawza setghet facilment giet tranzatta, naqsu l-ispejjez u l-Qorti setghet tiddedika l-hin taghha ghal xoghol utili iehor.

"Mill-verbal tat-2 ta' Mejju 2006 jirrizulta li Dr. Aldo Vella iddikjara li fil-mori tal-kawza miet il-konvenut Giuseppe Brincat missier l-attrici u b'testment tieghu tal-11 ta' April 1987 kien halla lil bintu l-attrici b'titolu ta' legat remuneratorju biex jikkumpensaha u jhallasha tas-servigi u ta' l-ghajnuna finanzjarja li skondtu l-attrici irrendiet lilu u lil martu. Irrizulta wkoll li l-Professur Refalo ghall-attrici oppona t-talba stante li ghalkemm Dr. Aldo Vella iddikjara li lest jaghmel l-immissjoni fil-pussess ghal dawk il-werrieta li accettaw il-wirt mhux lest li dik l-immissjoni fil-pussess issir mill-konvenuti li accettaw legittima u allura l-attrici ghadha mhix imhallsa billi l-immissjoni ghadha mhix effettwata.

"Illi ghalhekk dan iwassal ghall-fatt li sal-lum l-attrici ghadha fil-verita` ma hadet ebda kumpens. Kien ikun differenti l-kaz li kieku l-kumpens sar ghax f'dak il-kaz il-Qorti kien ikollha bil-fors tilqa' s-sottomissjoni tal-konsulent legali tal-konvenuti u peress li l-attrici kienet tkun gja sodisfatta dwar id-drittijiet taghha l-mertu kien ikun ezawrit b'mod li l-Qorti kienet tordna l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju. Izda fil-fatt l-immissjoni fil-pussess ma saritx b'mod li din il-Qorti jkollha bil-fors tevalwa t-talbiet attrici.

"***<u>D10. Imghax mitlub:</u>***

"Fic-citazzjoni taghha l-attrici talbet l-imghaxijiet legali fit-tielet paragrafu u dan wara t-talba ghal-likwidazzjoni. Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-

principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f'dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

"**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:

".............*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*............."

"**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:

"*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

"**Filippo Farrugia Gay vs Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:

"*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

"**Vincente Grech et vs Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:

“ ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni”.

“**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta’ April, 1950) Qorti Civili Prim’Awla:

“L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta’ l-approvazzjoni taghha”.

“**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta’ l-Appell 29 ta’ Mejju, 1988.

“**Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta’ Dicembru, 1991):

“Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta’ l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti”.

“**Anthony Buhagiar *pro et noe* vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta’ Marzu, 2001.

“Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta’ meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo *nomine*** deciza fid-19 ta’ Novembru 2001 inghad:

“Din il-Qorti allura mhix qeghda b’mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita’ ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur “ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f’kawza ta’ likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-

sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.

"***Omissis***

"B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din il-Qorti]

"Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:

"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh. G. Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:

"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex

diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997.

"Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu.

## E. KONKLUZJONIJIET:

"Naturalment jekk il-partijiet jaslu ghal ftehim dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli (ghalkemm kienu mistiedna diversi drabi mill-Qorti biex jevalwaw din il-possibbilta` ta' tranzazzjoni fil-kors tal-kawza izda att ma waslu ghaliha) ma jkunx hemm bzonn ta' dak li sejjer jinghad hawn taht.

"Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li certament huwa dovut kumpens lill-attrici ghas-servigi li ipprestat lill-ginituri taghha u cioe` lil ommha Michelina Brincat bejn l-1964 u l-1976 u lil missierha Giuseppe Brincat bejn l-1964 u l-2001. Naturalment dawn iridu jitqiesu fil-perspettiva taghhom fis-sens li dawk is-servigi li saru bejn l-1964 u l-1976 kienu ta' entita` limitata, izda wkoll wiehed irid iqis l-ghajnuna finanzjarja li tat lil ommha u lil missierha fl-ammont ta' Lm9,000. Il-Qorti tqis ghalhekk li ghandha tqis 13-il sena x 52 x €70 li jammontaw ghal €47,320; ghandha tqis ukoll 25 sena x 52 x €140 li jammontaw ghal €182,000. Ma' dawn wiehed irid iqis ukoll is-somma ta' Lm9,000 li kienet certament tirdoppja bl-imghaxijiet, u li l-Qorti qed tqisha bhala €41,928. Dawn iwasslu ghal total ta' €271,248. Il-Qorti taghmilha cara li f'din il-likwidazzjoni ghamlet kunsiderazzjoni u affidament specjali ghall-volonta` tat-testatur u l-konsistenza ta' l-assi tat-testaturi."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li permezz tieghu talbu r-revoka tas-sentenza msemmija u biex din il-Qorti tichad it-talbiet tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha talbet il-konferma tal-istess sentenza;

Rat ir-rispota tal-kuraturi nomine li permezz taghha iddikjaraw li m’humiex edotti bil-fatti (sic!);

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti msemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. L-attrici qed titlob hlas ghal servigi illi hija ghamlet mal-genituri taghha; l-omm kienet mietet qabel bdew il-proceduri izda l-missier miet fil-mori tal-kawza wara li kien irrikonoxxa li dawn is-servigi gew prestati. Il-konvenuti l-ohra irrinunzjaw ghall-wirt tieghu u allura inhatru l-kuraturi deputati biex jirraprezentaw il-wirt tieghu. Importanti l-fatt illi fit-testment tieghu huwa halla legat ta’ proprjeta` stmata €600,000 lill-istess attrici bhala remunerazzjoni ghas-servigi prestati lilu u lill-martu u dwar dan il-Qorti tikkumenta aktar ‘il quddiem.

L-aggravji tal-konvenut huma **erbgha**; **l-ewwelnett** illi l-occhio tal-kawza huwa zbaljat u allura s-sentenza nulla – madankollu fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2013 il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-eccezzjonijet tan-nullita` sollevati minnhom fl-atti tal-appell kemm fir-rigward tas-sentenza appellata u kemm fir-rigward tal-istess rikors tal-appell u allura dan l-aggravju huwa ukoll rinunzjat; **it-tieni** li l-Qorti kienet zbaljata fil-likwidazzjoni tal-quantum tal-kumpens dovut; **it-tielet** li l-Qorti qatt ma kellha tikkundanna lill-konvenuti izda tilliberahom mill-

osservanza tal-gudizzju u **r-raba’** appuntu dwar il-kundanna tal-konvenuti biex ihallsu lill-attrici.

## LIKWIDAZZJONI

Kif inghad, l-ewwel Qorti illikwidat is-somma ta’ €271,248 bhala s-somma dovuta lill-attrici ghas-servigi minnha rezi lill-genituri taghha. Il-Qorti waslet ghal dan l-ammont b’dan il-mod:

“Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li certament huwa dovut kumpens lill-attrici ghas-servigi li pprestat lill-genituri taghha u cioe` lil ommha Michelina Brincat bejn l-1964 u l-1976 u lil missierha Giuseppe Brincat bejn l-1964 u l-2001. Naturalment dawn iridu jitqiesu fil-perspettiva taghhom fis-sens li dawk is-servigi li saru bejn l-1964 u l-1976 kienu ta’ entita` limitata, izda wkoll wiehed irid iqis l-ghajnuna finanzjarja li tat lil ommha u lil missierha fl-ammont ta’ Lm9,000. Il-Qorti tqis ghalhekk li ghandha tqis 13-il sena x 52 x €70 li jammontaw ghal €47,320; ghandha tqis ukoll 25 sena x 52 x €140 li jammontaw ghal €182,000. Ma’ dawn wiehed irid iqis ukoll is-somma ta’ Lm9,000 li kienet certament tirdoppja bl-imghaxijiet, u li l-Qorti qed tqisha bhala €41,928. Dawn iwasslu ghal total ta’ €271,248. Il-Qorti taghmilha cara li f’din il-likwidazzjoni ghamlet kunsiderazzjoni u affidament specjali ghall-volonta` tat-testatur u l-konsistenza ta’ l-assi tat-testaturi.”

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghar-ragunijiet imsemmija taht il-paragrafi “D1” sa “D9” hawn fuq, tilqa’ t-talbiet attrici billi tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hlas tas-servigi rezi mill-attrici ’l fuq imsemmija genituri taghha kif imsemmi hawn fuq.

“Tillikwida l-istess servigi fl-ammont ta’ mitejn u wiehed u sebghin elf mitejn u tmienja u erbghin Ewro (€271,248).

“Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-servigi hekk likwidati. Bl-imghax jiddekorri mil-lum.

“Spejjez tal-kawza kontra l-konvenuti.”

Il-Qorti ghalhekk ikkalkolat l-ammont dovut ghas-servigi rezi lil omm l-atturi ghal 13-il sena u cioe` bejn l-1964 u l-1976 ghaliex ikkonkludiet li fl-ahhar ghaxar snin ta’ hajjet l-istess omm ma gewx rezi servigi (u allura fuq hekk qablet ma’ dak li fil-fatt sostnew il-konvenuti) u bbazathom fuq hlas ta’ €70 fil-gimgha.

Fuq il-materja ta’ servigi u l-likwidazzjoni taghhom hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna u wiehed jista’ jiccita per ezempju:

“*Huwa stabbilit li din l-azzjoni tistrieh fuq zewg sisien; jigifieri l-kwazi kuntratt u fuq il-presunzjoni li min jaghti servizz lill-haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta’ dak li jaghmel. Minbarra hekk ilu zmien twil accettat illi l-hlas tas-servigi jista jkun dovut mhux biss **jure actionis** jigifieri meta huwa miftiehem izda ukoll **officio judicis** jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih*.” ( **Guzeppi Borg v. Emanuel Azzopardi – Prim Awla 19 ta’ Mejju 2005).**

Dwar il-kumpens, kif qalet il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Catania v. Agius – 11 ta’ Dicembru 2003**, *wiehed jista’ jsib illi l-kumpens akkordat qatt ma jkun f’ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta’ parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghal hlas ta’ servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Delicata v. Saliba** deciza fit-22 ta’ Mejju 1989, hija bbazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt .... u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas.*

Fis-sentenza ta’ dn il-Qorti fl-ismijiet **George Sciberras et v. Josephine Spiteri** et (1 ta’ April 2005) intqal illi:

“*ghalkemm huwa veru li hemm dmir ta’ l-ulied li jiehdu hsieb il-genituri taghhom fl-isress waqt fid-dinja tal-llum hu naturali li wiehed jikkonkludi li anke f’servigi rezi mill-ulied, il-prezunzjoni hija li l-istess ulied ikunu qed jaghmlu dawn*

*is-servigi verament b'sens ta' dover izda fl-istess waqt ikunu qed jippretendu li dan is-sens ta' dover jigi premjat. Meta imbaghad, kif gara f'dan il-kaz, mal-mewt tal-genitur jiskopru li ma hallihomx preferuti, ihossuhom li gew privati minn xi haga u ghalhekk huwa sew li jinghatalhom il-kumpens.*"

Wiehed jinnota li l-ewwel Qorti ikkalkolat l-ammont dovut ghas-servigi prestati lil omm l-attrici fuq ammont (€70 fil-gimgha) li kien certament jeccedi l-paga minima ghaz-zmien in kwistjoni u certament li ghal dawn it-tip ta' kawzi huwa eccessiv. Dan l-ammont kien jikkostitwixxi l-paga minima zmien ferm wara; dan minghajr ma wiehed jikkonstata li kif qalet tajjeb is-sentenza **Catania v. Agius (supra)** wiehed ma jistax jillikwida l-kumpens a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien in kwistjoni ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet m'hijiex wahda kuntrattwali izda kwazi kuntrattwali – fil-fatt f'dik il-kawza, ghal servigi rezi bejn is-snin 1975 u 1993 gew ikkalkolati bil-hames liri (€11.65) fil-gimgha.

Ghalhekk f'dan il-kaz, peress li jidher mill-provi li l-appellata kienet tghix mal-genituri taghha, il-Qorti jidhrilha li ghandha tibbaza l-kalkolazzjoni taghha fuq is-somma ta' €15 fil-gimgha bhala medja ghall-perjodu in kwistjoni (tlettax-il sena bejn 1964 u 1977) li jfisser total ta' **€13,520**.

Kwantu ghall-fatt li l-attrici f'dak il-perjodu kienet ghaddiet is-somma ta' Lm9,000 lill-genituri taghha il-Qorti ma tistax taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti qabdet u irduppjat din il-figura u zidithom mal-ammont dovut ghas servigi rezi. L-ammont kien Lm9,000 u dan ma jistax jiggebbed – l-imghax fuq din is-somma ma jiskattax awtomatikament ghax huwa debitu civili izda b'interpellazzjoni gudizzjarja - li ma saritx; terga' billi d-dejn kien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-genituri tal-partijiet, l-ammont li ghandu jigi mhallas mill-wirt tal-omm huwa ta' Lm4,500 (nofs l-ammont imsemmi) jew **€10,485** – ghalhekk b'kollox **€24,005**.

Il-Qorti ghalhekk taghmilha wkoll cara li l-ammonti dovuti mill-konjugi Brincat (genituri tal-partijiet) ghandhom ikunu separati ghall-iskop ta’ din il-kawza, specjalment in vista tal-fatt li l-werrieta, kif gia` ssemma’ m’humiex l-istess, ghaliex il-konvenuti appellanti irrinunzjaw ghall-wirt tal-missier Giuseppe Brincat. Dwar dan, il-Qorti tikkumenta aktar ’il quddiem meta tiddecidi dwar ir-raba’ aggravju.

**KUNDANNA GHALL-HLAS**

**It-tielet aggravju** huwa fis-sens li l-appellanti jirrilevaw li missier l-attrici hallilha tramite t-testment tieghu tal-11 ta’ April 1987 prelegat ta’ propjeta` immobbli illi fl-atti ta’ din il-kawza gie stmat fis-somma ta’ €600,000 mill-perit tekniku l-AIC Godwin Abela. Dan biex skont l-istess testment *jikkumpensaha u jhallasha ghas-servigi u anke ghajnuna finanzjarja li l-istes Maria Lourdes Brincat ilha tipprestalu minn zmien twil ta’ dawk li pprestat lil ommha Michelina u ta’ dawk li ghad tista’ tipprestalu sal-gurnata tal-mewt tieghu*.

L-appellanti qed isostnu li ladarba Giuseppe Brincat ghamel din id-dikjarazzjoni huwa kien qed ihallas lill-attrici ta’ kull servigi li setghet ghamlet sija mieghu u sija ma’ martu.

Fuq dan l-aspett din il-Qorti fil-waqt li taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti li l-legat isir il-propjeta` tal-legatarju mal-mewt tat-testatur ( u l-immissjoni tal-pussess jikkonferixxi appuntu l-pussess u mhux il-propjeta` – **Baldacchino v. Mifsud**, Qorti tal-Appell – 29 ta’ Ottubru 1999) u allura taqbel li hafna mill-argumenti tal-ewwel Qorti fir-rigward ma ghandhomx fundament guridiku korrett, ma tistax tasal ghall konkluzjoni li b’daqshekk il-konvenuti, bhala werrieta ta’ ommhom ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Dan principalment ghaliex l-istess Michelina Brincat kienet propjetarja ta’ nofs indiviz tal-immobbli inkwistjoni u allura skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili u cioe` l-Artikolu 696 (1) il-**werrieta tal-missier** ikollhom jakkwistaw in nofs tal-omm jew ihallsu l-valur taghha lill-attrici;

"***696.*** ***(1****) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha*."

Ghalhekk l-assi ereditarji tal-omm ma humiex mghobbija mill-piz li jcedu n-nofs tal-istess proprjeta` u huma l-eredi ta' Giuseppe Brincat (il-missier) li jridu jottemperaw ruhhom mal-Artikolu 696; kif gia` inghad l-appellanti ma accettawx il-wirt tal-missier. Kwindi l-aggravju li l-appellanti kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ma ghandu ebda fondament.

**IR RABA' AGGRAVJU**

Kif gia` issemma', l-appellanti qed isostnu illi l-Qorti ma kellhiex tikkundannahom ihallsu l-ammont likwidat minnha flimkien mal-werrieta ta' missierhom Giuseppe Brincat.

Il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellanti illi ladarba huma irrinuzjaw ghall-wirt ta' missierhom ma kellhomx jigu ikkundannati jhallsu anke ghal servigi rezi mill-appellata lill istess missierhom izda jwiegbu biss ghal dawk is-servigi rezi lil ommhom.

Is-solidarjeta`, f'dan il-kaz bejn debituri, ma tistax tkun prezunta izda trid tkun *dikjarata mil-ligi* jew *miftehma espressament* (Artikolu 1089 tal-Kodici Civili). Ghalhekk ma tista' tezisti ebda solidarjeta` bejn il-werrieta ta' Michelina Brincat fuq naha u dawk ta' Giuseppe Brincat fuq naha ohra; is-solidarjeta` tezisti semmai bejn il-werrieta tal-istess assi ereditarji tal-persuna partikolari jekk ikunu obligati ghall istess haga (Artikolu 1094 tal-Kodici Civili).

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-kundanni ghall-hlas tal-werrieta rispettivi tal-konjugi Brincat ghandhom ikunu separati. <u>Naturalment billi l-werrieta ta' Giuseppe Brincat iben Alberto u missier il-partjiet ma appellawx mis-sentenza in kwistjoni dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda</u>

il-wirt tieghu ghaddiet in gudikat fil-konfront taghhom ghall-ammont ta' €182,000.

**L-IMGHAX**

Fir-rigward tal-imghax mitlub, m'hemmx dubbju illi normalment il-Qrati taghna jimxu mal-principju '*in illiquidis non fit mora'*. Madankollu kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Citadel Insurance v. Johan Ciantar** (**Prim' Awla – 20 ta' Gunju 2002**) li *meta talba ghall hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak in-nhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dak in-nhar li eventwalment tinghatha s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.*

Aktar rilevanti ghall-iskop ta' dan il-kaz, hija is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner v. Francis Agius (28 ta' Novembru 2003)** fejn inghad illi;

"*Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddepozita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita*` "

F'dan il-kaz (**Turner v. Agius**) ghalhekk il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall konvenut u l-Qorti jidhrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim' Awla ghall-istess ragunijiet.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddecidi l-appell tal-konvenuti Michele, Salvatore, Carmen u Anthony Brincat dan tal-ahhar f'ismu u bhala kuratur tal-interdetta Josephine Mary Brincat billi tilqghu fejn jirrigwardja l-ammont li ghandhom

ihallsu huma bhala l-werrieta ta’ Michelina Brincat u dan billi tillikwida dan l-ammont fis-somma fuq imsemmija ta’ **€24,005** u ghalhekk tikkundannahom ihallsu dan l-ammont lill-attrici appellata; kif inghad is-sentenza fir-rigward tal-eredi ta’ Giuseppe Brincat (iben Alberto u missier il-partijiet inizjali tal-kawza) ghaddiet in gudikat ghall-ammont ta’ €182,000. L-imghax jibda ghaddej mid-data tas-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-appell ghandhom jinqasmu hekk; nofs thallashom l-attrici appellata u nofs l-appellanti bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------